**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 416/16 AL

**AB**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elf disa` mija u tlieta u disghin (1993) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. A, minn liema zwieg ma kienx hemm ulied;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal dawn l-ahhar tmintax (18) –il sena b'kuntratt redat minn Nutar Dottor Ann Fenech Adami u datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija u sebgha u disghin (1997) u dan skont il-kopja legali li qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. B;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut stante illi fl-imsemmi kuntratt il-partijiet kienu rrinunzjaw illi jircievu manteniment minghand xulxin;
5. Illi l-fatti fuq riportati jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal kisba tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civil ital-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi ghal dan il-ghan u ai termini tal-Att XIV tal-elfejn u hdax (2011), l-esponenti tixtieq titlob il-hall taz-zwieg taghha.

Talbet prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Settembru, 2016;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Ottubru 1997;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.